MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-18 ta' Dicembru, 2006

Numru 708/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA'**

**VS**

**MICHAEL DELIA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Michael Delia, ta' 34 sena, bin Carmelo u Grace nee' Cumbo, imwieled Tal-Pieta' nhar l-10 ta' Ottubru, 1971, residenti fil-fond imsejjah Il-Gardinna, Has-Saptan, limiti ta' Hal-Ghaxaq, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 448071(M);

1. Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fil-15 ta' April, 2006 b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-

ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ erba’ mija u hamsin lira maltin (Lm450.00), ghad-dannu ta’ Top Car Services Ltd;

2. U kif ukoll talli b’hekk sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49 et sequitur tal-Kodici Kriminali b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati, datata 23 ta’ Mejju, 2002 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat fl-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu;

Wara li rat l-Aritkoli 308, 309, 310, 49, u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat Michael Delia hati, izda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax(18)-il xahar, ai termini tal-Artikoli 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------